

31998R1265

19.6.1998

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 175/7

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1265/98**tat-18 ta' Ġunju 1998**

**li jissupplimenta l-Anness mar-Regolament (KE) Nru 2400/96 dwar id-dħul ta' ċerti ismijiet fir-
"Reġistru ta' denominazzjoni protetta ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti" pprovdut
bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u
d-denominazzjoni ta' l-oriġini tall-prodotti u l-oġġetti ta' l-ikel agrikoli**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 ta' l-14 ta' Ottubru 1992 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjoni ta' l-oriġini tall-prodotti u l-oġġetti ta' l-ikel agrikoli ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1068/97 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(3) u (4) tiegħu,

Billi, skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92, Franza u l-Portugall bagħtu lill-Kummissjoni applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' ċerti ismijiet bħala indikazzjonijiet ġeografiċi jew denominazzjoni ta' l-oriġini;

Billi, skond l-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament, instab illi dawn l-applikazzjonijiet jilhq u l-ħtiġiet kollha stabbiliti fih, u b'mod partikolari li fihom it-tagħrif kollu meħtieġ skond l-Artikolu 4 tiegħu;

Billi l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni ma saret lill-Kummissjoni skond l-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament wara l-pubblikazzjoni tagħhom fil-Ġurnal tal-Komunitajiet Ewropej ⁽³⁾ dwar l-ismijiet imsemmija fl-Anness ta' hawnhekk;

Billi dawn l-ismijiet għandhom għalhekk jiddaħħlu fir-Reġistru ta' d-denominazzjoni ta' l-oriġini protetti u ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti u minn issa 'l quddiem jiġu protetti fil-Komunità kollha bħala denominazzjoni ta' l-oriġini protetti jew indikazzjonijiet ġeografiċi protetti;

Billil-Anness ma' hawn jissupplimenta l-Anness mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2400/96 ⁽⁴⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 195/98 ⁽⁵⁾,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

L-ismijiet fl-Anness ma' hawn huma hawnhekk miżjuda fl-Anness mar-Regolament (KE) Nru 2400/96 u mdaħħla fir-
"Reġistru ta' denominazzjoni protetta ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti" pprovdut bl-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92 bħala indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (IĠP) jew denominazzjoni protetta ta' oriġini (DPO).

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-18 ta' Ġunju 1998.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 208, ta' l-24.7.1992, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 156, tat-13.6.1997, p. 10.

⁽³⁾ ĠU C 273, tad-9.9.1997, p. 4.

⁽⁴⁾ ĠU L 327, tat-18.12.1996, p. 11.

⁽⁵⁾ ĠU L 20, tas-27.1.1998, p. 20.

L-ANNESS

1. Il-prodotti elenkati fl-Anness II mat-Trattat u maħsuba għall-konsum mill-bniedem

Il-Prodotti mill-laħam:

IL-PORTUGALL:

Is-Salpicão de Vinhais (IGP)

Iê-Chouriça de Carne de Vinhais or Linguiça de Vinhais (IĠP)

L-Ġobnijiet:

IL-PORTUGALL:

Il-Queijo do Pico (IOP)

2. L-oġġetti ta' l-ikel elenkati fl-Anness I mar-Regolament (KEE) Nru 2081/92

Il-Ħut frisk, il-molluski u l-krustaċċi u... prodotti:

FRANZA:

Il-Coquille St. Jacques des Côtes d'Armor (IĠP)
